# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

## MAGISTRAT: A. MICALLEF TRIGONA LL. D., EUR (EU LAW)

Seduta tal-15 ta' Jannar 2002

Citazzjoni Numru 137/0G1

Emmanuel u Rozina konjugi Cassar

vs

Marjano Cassar

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li taqra:

- li n-forza tat-tieni artikolu tat-testment li kien sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-8 ta' Frar 1990, hawn esebit u markat dokument "A", it-testatur Liberato Zerafa kien halla b'titolu ta' legat lill-attrici, Rosina mart Emmanuel Cassar, is-somma ta' hamest elef lira (Lm5000), liema somma, skond il-precitat testment kienet tifforma somma ikbar li kienet tinsab depositata fil-banek lokali;

  li l-attrici ppercepit dana l-legat u fil-fatt hija hadet dina s-somma ta' Lm5000 mill-Bank of Valletta Ltd tat-triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, u HSBC Limited;

  li sussegwentament l-atturi poggew dana l-ammont ta' Lm5000 flimkien ma somma ohra addizzjonali ta' elf lira (Lm1000) go kaxxa tal-landi li huma hbew fil-kantina tad-dar residenzjali taghhom bl-isem "Il-Kenn Taghna" f'Tal-Kanal, Xewkija, Ghawdex;

  li sussegwentament dawn il-flus sparixxew mill-mohba fejn kienu u kull tentattiv li ghamlu l-atturi sabiex jittraccjaw dana l-ammont ta' Lm6000 kien inutili;

  li sussegwentament irrizulta li dana l-ammont ta' Lm6000 kienu gew mehuda minghajr il-kunsens u kontra l-volonta taghhom mit-tifel taghhom Marjano Cassar, il-konvenut odjern, u dana wara xi zmien qabad u ddepozita s-somma ta' hamest elef, seba' mija u sebghin lira (Lm5,770) fuq kont bankarju f'ismu, liema kont kien bin-numru 12417585012;

  li sussegwentament dana l-ammont kien anki gie zbankat mill-bank mill-Avukat Dr Anton Refalo li kellu mandat ghal istess fini mill-konvenut binhom Marjano Cassar;

  Talbu li l-Qorti:

1. tiddikjara illi l-atturi huma l-proprjetarji tas-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) li l-istess konvenut binhom Marjano Cassar ha illegalment u kontra l-volonta taghhom mill-pussess taghhom u li sussegwentament huwa ddeposita parti sostanzjali mill-istess somma u cioe l-ammont ta' hamest elef seba' mija u sebghin centezmu (Lm5,770) f'depositu fiss mal-Bank of Valletta Ltd bin-numru 12417585012 u iehor Savings bin-numru 12400822012, kif ukoll f'depozitu bankarju mal-HSBC Limited bin-numru L167565.

2. li konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut Marjano Cassar sabiex jirritornalhom dana l-ammont ta' sitt elef lira maltin (Lm6000) bl-imghaxijiet relattivi u bl-ispejjes u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa l-infondatezza tad-domandi attrici fid-dritt u fil-fatt peress li l-ammont ta' flus imsemmija fic-citazzjoni huma proprjeta tieghu u gew moghtija lilu mill-mejjet Liberat Zerafa.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat u ezaminat l-atti u dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-fatti li din il-Qorti setghet tikkonstata mill-provi li gew prodotti huma:

- li mal-mewt ta' Liberato Zerafa l-attrici Rosina mart Emanuel Cassar ippercepiet legat ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) li, kif jinghad fit-testment (folio 5), "tifforma parti minn somma ikbar li tinsab depositata fil-banek lokali".

- li l-attrici, imkien kontradetta anzi korroborata minn zewgha, kienet zbankat dina s-somma u poggieta flimkien ma' somma ohra ta' elf lira Maltin (Lm1,000) mfadla li kienu ghand zewgha , f'landa li hbiet fil-kantina tad-dar taghhom.

- li xi zmien wara l-atturi indunaw li l-imsemmija flus kienu ittiehdu ad insaputa taghhom minn binhom, l-konvenut li kien iddeposithom f'ismu f'kontijiet ma' banek lokali.

- l-attrici xehdet li kienu saru jafu b'dan meta binhom kien ircieva ittra minghand id-dipartiment tas-Servizzi Socjali li kien qieghed jigi investigat minhabba d-depositi

li kienu jidhru fuq ismu fil-banek lokali u dan waqt li kien jircievi kemm ghajnuna socjali u ghajnuna medika.

- l-attrici xehdet ukoll li binhom, il-konvenut, mhux mizzewwweg u qatt ma hadem. Hu ghajjien minn mohhu u minn dejjem ibati minn dipressjoni mentali. Affermat li hu kien hadha bil-kbir li Zerafa ma kien hallielu xejn fit-testment.

- ziedet xehdet l-attrici li permezz tal-Avukat Dottor Anton Refalo, li hu l-avukat ta' binhom, il-konvenut, l-flus gew restituiti u hawnhekk il-Qorti tifhem li sar dan almenu sal-ammont ta''hamest elef seba' mija u sebghin lira maltin (Lm5,770) li irrisultaw depositati f'kontijiet f'isem il-konvenut.

- li dawn il-fatti ma gewx kontradetti kif l-anqas ma jinsab kontradett li l-kawza giet necessarja minhabba li d-dipartiment tas-Servizzi Socjali qieghed jesigi li binhom jirrifondi l-beneficcji socjali kollha li ha.

Ikkunsidrat:

Li mill-assiem tal-provi, senjatament it-testment u x-xhieda tal-atturi, ghandu jirrisulta sodisfacjentement u ferm oltre l-grad tal-probabbli, li l-ammonti li binhom kellu f'ismu f'kontijiet fil-banek lokali kienu effettivament dawk li huwa kien irnexxilu jissottratta minghand il-genituri tieghu.

Ghalhekk tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba, tilqa' wkoll t-tieni limitatament pero li tikkundannna lill-konvenut li ihallas lill-atturi l-ammont bilancjali ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) li jirrisulta fid-differenza tal-ammont li l-atturi gew restitwiti mill-kontijiet bankarji f'isem il-konvenut u l-ammont originali sottratt lilhom minn binhom. Dato ic-cirkostanzi tordna li l-ispejjes jibqghu bal taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur